MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2006

Mandat Numru. 780/2000/1

**Fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni 780/00 maħruġ fl-10 ta’ Marzu, 2000, fl-ismijiet:**

**Alfred FENECH**

**vs**

**Dr. Harry VASSALLO**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-23 ta’ Marzu, 2000, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent eżekutant Alfred Fenech talab li l-Qorti tieħu fil-konfront tal-intimat eżekutat Dottor Harry Vassallo l-provvedimenti li jidhrilha xierqa għall-għamil tal-intimat li r-rikorrenti qed iqis li jikkostitwixxi att ta’ disprezz lejn l-Awtorita’ tal-Qorti minħabba li jikser l-ordni mogħti fil-Mandat fuq imsemmi;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat eżekutat Dr. Harry Vassallo fit-30 ta' Marzu, 2000, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li l-Qorti tiċħad it-talba għat-tħassir billi hu ma wettaq l-ebda għamil bi ksur ta' xi ordni imposta fuqu bl-imsemmi Mandat, u talab li jittieħdu kontra r-rikorrent provvediment għad-disprezz u ġurament falz;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-14 ta' April, 2000, li bih ħatret lill-arkitett u inġinier ċivili David Pace bħala perit tekniku biex jgħid jekk sarux xogħolijiet bi ksur tal-ordni fil-Mandat;

Rat ir- Relazzjoni mressqa mill-imsemmi Perit Tekniku fit-3 ta' Settembru, 2001[1] u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tas-27 ta' Ottubru, 2004;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Diċembru, 2005, li bih iddikjarat magħluq l-istadju tat-tressiq tax-xhieda u ċaħdet talba ulterjuri tar-rikorrent li jressaq lill-perit tekniku b'xhud in eskussjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tar-rikorrent;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Marzu, 2006, li bih ħalliet il-kawża għall-provvediment:

## *Ikkunsidrat:*

Illi din hija proċedura maħsuba fl-artikolu 873(4) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili.  Ir-rikorrent kien talab u kiseb il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni f'Marzu tal-2000, kontra l-intimat biex iżommu milli jidħol f'fond li jinsab f'Paceville.  Qiegħed jgħid li, minkejja dak l-ordni, l-intimat waħħal "*shutter*" mal-imsemmi fond b'mod li qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jidħol fil-post.  Jgħid li l-għamil tal-intimat huwa att ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti;

[1] Paġġ. 38-44 tal-proċess

Illi għal din il-proċedura l-intimat jilqa' billi jiċħad li għamel xi ħaġa li twaqqa' l-ordni tal-Qorti u jisħaq li lanqas biss resaq lejn Paceville fil-jiem li r-rikorrent qiegħed jixlih li waħħal ix-"*shutter*";

Illi bħala fatti li jirriżultaw ma huwa bl-ebda mod kontestat li fl-10 ta' Marzu tal-2000, din il-Qorti (diversament presjeduta) kienet ħarġet Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-intimat Dottor Vassallo fuq talba tar-rikorrent Fenech. F'dak ir-rikors, l-intimat ma kienx ressaq Tweġiba għat-talba (jgħid li n-notifika saret f'post li hu m'għandux x'jaqsam miegħu) u l-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent b'mod definittiv. Fit-18 ta' Marzu, 2000, infetħet din il-proċedura;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ jiġi rilevat li l-proċedura għal disprezz għandha natura partikolari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta' kull Qorti hija dik li tagħti ordnijiet lil xiħadd, kemm jekk biex dik il-persuna tagħmel xiħaġa, jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xiħaġa. Il-ksur ta' kull ordni jikkostitwixxi disprezz għall-awtorita' li, bis-saħħa tagħha, dik l-ordni tkun ingħatat. Kif jgħallem Denning: *"This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt*"[2];

Illi, minbarra dan, xilja ta' disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li tiġi ippruvata, minn min qiegħed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u, b'konsegwenza ta' hekk, l-awtorita' tagħha;

Illi, madankollu, dik l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħti lilha bħala wieħed korrett jew le: is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx b'ordni ieħor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti oħra, huwa raġuni oġġettiva li torbot lill-mixli li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha. Hekk stabilew il-Qrati tagħna,

[2] ***In Re Bramblevale Limited*** (1970)

ukoll fejn wara rriżulta li l-ordni tal-Qorti kien wieħed null u bla siwi[3];

Illi, meħud f'dan id-dawl, il-proċediment tad-disprezz m'huwiex rimedju għall-persuna li tkun talbet it-teħid tiegħu, imma sanzjoni kontra min ikun ġab b'idejh u b'għemilu (jew bl-omissjoni tiegħu, skond il-każ) ksur ta' ordni mogħtija lilu. Ir-rikorrent f'kawża bħal din (u bil-proċedura illi tfasslet għal dan il-għan fl-1995) qiegħed huwa nnifsu jesegwixxi ordni mogħtija lilu minn Qorti kompetenti biex jibda dawn il-proċeduri. Ir-rikorrent m'għandu x'jirbaħ xejn b'tali proċeduri għajr li jiżgura li tiġi mħarsa l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja[4];

Illi fil-każ ta' allegat ksur ta' ordni mogħti fil-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, wieħed isib dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid x'għamla ta' sanzjoni jwassal miegħu l-ksur ta' ordni bħal dik[5]. Iżda dik is-sanzjoni tagħti rimedju lill-parti li favur tagħha jkun inħareġ il-Mandat, u għalhekk kull allegat ksur ta' dik l-ordni tagħti lok ukoll għat-tmexxija 'l quddiem ta' proeduri kif maħsuba fit-Titolu XVII tal-Kap 12;

Illi, kif ingħad aktar qabel, m'hemmx dubju li l-proċediment ta' disprezz huwa wieħed ta' natura penali[6], ukoll jekk jieħdu s-sura ta' proċeduri ċivili;

Illi dan iġib miegħu illi kull ma tgħid il-liġi dwar dan l-istitut għandu jitħares skond il-kelma tal-liġi u l-ispirtu li jħares il-jeddijiet tal-"akkużat" f'dak kollu li jista' jitqies ta' natura penali[7]. Għalhekk mhux permess li l-istitut tar-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti jitwessa' b'analoġija, tixbieh jew teħid minn min ikun ta' inizzjativa li ma hix mogħtija lilu mil-liġi;

---

[3] Ara App. Ċiv. **7.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella*** (mhix pubblikata) u s-sentenzi hemm imsemmija
[4] P.A. **9.11.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Qorti vs Camilleri*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.546**)
[5] Ara art. 873(4) tal-Kap 12
[6] App. Kumm. **28.1.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Cachia et*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.526**)
[7] App. Ċiv. **8.6.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Calleja*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.186**)

Illi applikati dawn il-prinċipji għal fattispeċi ta’ dan il-każ il-Qorti tasal biex tgħid illi l-mottivi li jwasslu persuna biex iġġib ruħha b’mod li jidher li qiegħed jisfida ordni ta’ Qorti jistgħu biss ikollhom effett fuq l-apprezzament tal-“animus” tal-persuna mixlija b’disprezz. Dan jgħodd ukoll jekk il-mottiv li jġiegħel lil xiħadd jikser ordni ta’ Qorti jkun wieħed li ta’ min jissimpatiżża miegħu[8]. Huwa meħtieġ li jintwera li l-persuna li tkun kisret l-ordni ta’ Qorti kienet taf li qegħda tagħmel hekk[9];

Illi minbarra dan ingħad ukoll li f’każijiet bħal dawk li jirrigwardaw il-ħruġ ta’ Mandati ta’ Inibizzjoni, l-interess soċjali u l-bwon ordni pubbliku jitolbu li ordnijiet bħal dawk tal-Qorti jiġu obduti u li kienu x’kienu r-raġunijiet li wasslu lill-imħarrek biex aġixxa kontra dak l-ordni m’għandhomx ikunu raġuni tajba biex dak il-ksur jiġi skużat[10];

Illi, madankollu, għandu jingħad li r-rimedju mogħti mil-liġi fl-artikolu 873(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta huwa rimedju partikolari li bih il-Qorti, fuq talba tal-persuna li favuriha jkun inħareġ Mandat ta’ Inibizzjoni, tista’ tordna lill-parti intimata biex treġġa’ kollox lura għal li kien, jekk kemm-il darba tkun bidlet l-istat tal-ħaġa wara li jkun ingħata d-degriet ta’ Inibizzjoni. Ma jidhirx li l-liġi trid li, f’każ bħal dak, ir-rimedju jestendi ruħu wkoll għal xi provvediment ta’ sejbien ta’ disprezz[11]. Dan jingħad ukoll għalkemm, fih innifsu, għamil bħal dan huwa għamil ta’ disprezz. Iżda, f’każ bħal dak, il-liġi proċedurali trid li kull azzjoni ta’ allegat disprezz tal-Qorti (li ma jkunx għamil li jsir *in faciem curiae*) tinbeda mir-Reġistratur[12] u mhux mill-kontro-parti. Jekk azzjoni għal disprezz tinbeda mill-kontro-parti ma tkunx tiswa[13], u n-nuqqas ta’ siwi ta’ proċedura bħal dik jista’ jitqajjem ukoll mill-Qorti *ex ufficio*;

---

[8] Ara Kumm. **20.8.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Qorti vs Bellizzi*** (Kollez. Vol: **XXXVII.iii.910**)
[9] Ara Kumm. Sentenza **9.1.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia noe vs Dowling*** (Kollez. Vol. **XXIX.iii. 207**)
[10] P.A. **14.3.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea noe vs Formosa*** (Kollez. Vol. **XXIX. ii.1023**)
[11] Ara P.A. RCP **8.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Joseph M. Sammut vs Tat-Taljan Co. Ltd.***
[12] Art. 1003A tal-Kap 12
[13] Ara P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Baldacchino vs Edwin Paċe***

Illi għalhekk, f'din il-proċedura jeħtieġ jitqiesu żewġ aspetti: dak tal-prova u dak tas-siwi tal-proċedura;

Illi dwar **l-aspett tal-prova** l-perit tekniku wasal għall-fehma li t-talba tar-rikorrent m'għandhiex tintlaqa' u dan għaliex sab li, mill-aċċertamenti li ra fuq il-post, ma setax ikun li l-intimat għamel fi ftit jiem dak li r-rikorrent jgħid li sar minn dak inhar li nħareġ il-Mandat. Kif ingħad, il-grad ta' prova fuq ir-rikorrent kellu jkun li juri fuq bażi probabbli li dak li xela lill-intimat bih seħħ u li l-intimat kien involut. Il-Qorti qrat il-motivazzjonijiet li wasslu lill-perit maħtur għal dik il-fehma, u ssib li għandha toqgħod fuq tali fehma, għaliex sorretta minn dak li irriżulta;

Illi għal dak li jirrigwarda **l-aspett tal-proċedura użata** l-Qorti ssib li t-talba hija waħda biex il-Qorti tieħu l-provvedimenti meħtieġa u biex ukoll issib lill-intimat ħati ta' disprezz. Kif ingħad diġa', proċedura mibdija taħt l-artikolu 873(4) tista' tagħti lill-parti rikorrenti r-rimedju speċifiku li jissemma f'dik id-dispożizzjoni, imma mhux ukoll li timponi fuq il-parti intimata (jekk kemm-il darba jirriżulta tassew li wettqet xi għamil jew omissjoni bi ksur tal-ordni fil-Mandat) s-sanzjonijiet tad-disprezz. Għal dawn is-sanzjonijiet kienet xierqa proċedura oħra;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrent billi la jirriżulta li l-intimat wettaq xi għamil li bih kiser l-ordni tal-Qorti fil-Mandat ta' Inibizzjoni maħruġ kontrih fl-10 ta' Marzu, 2000, u billi wkoll bil-proċedura wżata ma setgħetx tintalab is-sanzjoni tad-disprezz;

**Bl-ispejjeż** kontra r-rikorrent.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------